GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

**ĊIRKULARI**

**Data:** **8 ta' Ġunju 2022** **Ref: DDLTS 17/2022**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel tal-Istat u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Direttur għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**

**Suġġett:** **Introduzzjoni tar-Realtà Virtwali fl-Iskejjel tal-Istat**

---

It-tagħmir tar-Realtà Virtwali (VR) tnedew fl-iskejjel kollha tal-istat u aktar minn 475 edukatur diġà rċevew it-taħriġ. Din it-teknoloġija għandha l-għan li tipprovdi esperjenza immersiva għall-istudenti u l-edukaturi billi jinvolvu ruħhom f'esperjenzi ġodda fit-tagħlim tas-suġġetti kollha. Din l-inizjattiva hija parzjalment iffinanzjata mill-Fondi tal-UE bħala parti mill-iskema OTPC.

Jekk jogħġbok inħeġġuk tikkonsidra dawn is-suġġerimenti dwar kif timmaniġġja l-użu u l-loġistika tas-Settijiet VR disponibbli fil-kulleġġ rispettiv tiegħek.

Il-linji gwida li ġejjin jiżguraw l-użu effettiv ta' din it-teknoloġija innovattiva, l-immaniġġjar u l-manutenzjoni sikuri tal-apparati:

1. Il-persuna maħtura mill-kulleġġ (contact person) għall-VRs se toħloq skeda tal-kulleġġ għas-sena skolastika li jmiss (2022-2023) biex tipprovdi opportunitajiet indaqs lill-iskejjel kollha (primarji, medji u sekondarji) biex tuża s-settijiet VR għat-tagħlim**.** Pereżempju: *VR se jkun disponibbli fl-Iskola A bejn it-3 u l-15 t'Ottubru 2022.*
2. Għal aktar informazzjoni dwar prattiki tajbin, materjal għall-ippjanar tal-lezzjoni u gwidi dettaljati tal-użu tista' taċċessa l-portal tal-Klassi VR fuq din il-ħolqa: Realtà Virtwali għall-Iskejjel - ClassVR
3. Huwa rrakkomandat li l-għalliema jagħtu formola ta' kunsens lill-istudenti qabel ma jużaw it-tagħmir tar-Realtà Virtwali biex jiggarantixxu s-saħħa u s-sigurtà ta l-istudenti. Formola ta' kunsens qed tiġi pprovduta bħala mudell ma' din iċ-ċirkulari.
4. Jekk tiltaqa' ma' xi diffikultajiet tekniċi waqt l-użu tas-Settijiet VR, jekk jogħġbok ikkuntattja **lill-MITA** fuq **25992777**, ikkomunika n-numru tal-inventarju tat-tagħmir rispettiv u t-telefonata tiegħek tkun illoggjata biex japplikaw il-proċeduri tas-soltu.
5. Se jingħata aktar taħriġ mid-DDLTS fis-sena skolastika li jmiss. Il-Kapijiet tad-Dipartiment u l-għalliema tagħna jinsabu ħerqana biex jappoġġjawk u jgħinuk issir kunfidenti fl-użu ta' dawn l-aġġeġi tal-VR u tintegrahom fil-pedagoġija tiegħek.

B'dawn il-linji gwida se tagħmel l-esperjenza tal-VR aktar pjaċevoli waqt it- tagħlim tiegħek.

Inħarsu 'l-quddiem biex noħolqu esperjenza pedagoġika mill-isbaħ billi ninkorporaw din it-teknoloġija fil-ħajja ta' kuljum tal-istudenti tagħna.

Nirringrazzjawk għall-kooperazzjoni tiegħek.

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**

Programm Operattiv II – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
"Ninvestu fir-riżorsi umani sabiex noħolqu aktar opportunitajiet
filwaqt li nippromwovu t-tisħiħ tas-soċjetà"
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew
Rata ta' ko-finanzjament: 80% Fondi mill-Unjoni Ewropea; 20% Fondi Nazzjonali

t + 356 2598 1565/6 e digital-literacy@ilearn.edu.mt | www.education.gov.mt